**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 201/2017 CFF**

**Elmo Insurance Ltd (C-3500)**
**Vs**
**John Sammut**
**Daniel Sammut**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-atturi, Elmo Insurance Limited (C-3500) fejn esponew:

Illi r-rikorrenti għandhom jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati li jħallsu is-somma komplessiva ta' tmien t'elef erba' mija u tmien ewro tnejn u sittin ċenteżmu (8,408.62 Ewro) rappreżentanti danni, imgħax, spejjez ġudizzjarji u VAT li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited kif kienet kostretta u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti tagħha ta' assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAN 430.

Gara li fit-13 ta' Diċembru 2010, fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta, l-imsemmija vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAN 430, propjetà tal-konvenut John Sammut u misjuqa mill-konvenut Daniel Sammut sfat involut

f'inċident awtomobilistiku fejn ħabtet gol-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 625, JUV 222 u SPI 100 li kienu pparkjati, propjetà ta' terzi.

Fuq l-iskorta tal-fatti u ċirkostanzi tal-inċident, is-soċjetà attriċi kellha fil-pussess tagħha biżżejjed evidenza sabiex tavża lill-konvenut illi huma jew min minnhom, kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tagħhom skond l-istess polza. L-inadempjenza kontrattwali tal-konvenuti jew min minnhom ġiet konfermata fir-rapport tal-Pulizija (esibit u mmarkat bħala DOK A) li nvestigaw l-inċident *de quo* fejn stqarrew illi '*peress li fuq il-persuna tiegħu (ta' Daniel Sammut) bdiet tinxtam rieha ta' xorb, il-Pulizija ħadu lill-persuna relatata ġewwa l-għassa tal-Mosta biex isirlu t-test tal-breathalyzer. Wara li gie mgħoti t-twissija, huwa għażel li jagħmel it-test fejn irriżulta positive.'* Għaldaqstant, il-konvenuti kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi inċident.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Jannar 2011, dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' April 2013 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali b'effett mill-4 ta' April 2013 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **John Sammut u Daniel Sammut** fejn esponew bir-rispett:

1. Illi l-intimata John Sammut għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju u dan peress illi huwa ma' kellu ebda sehem jew parteċipazzjoni u anqas biss kien preżenti fl-inċident li kkaġuna d-danni allegati mis-soċjetà attriċi;

2. Illi mingħajr preġudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront taż-żewġ intimati u dan peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi m'huwiex minnu illi huma jew min minnhom kisru xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u konsegwentement is-soċjetà intimata kienet obbligata kontrattwalment illi tonora t-termini tal-polza u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' din il-kawża.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tas-soċjeta' attriċi kif ukoll tal-konvenuti

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**George Stagno Navarra** qal li huwa jaħdem mas-soċjetà attriċi fejn qal li l-vettura tat-tip VW Golf hija assikurata mas-socejta Elmo Insurance li kienet involuta f'inċident ġewwa l-Mosta fit-13 ta' Diċembru 2010. Din il-vettura kienet reġistrata fuq John Sammut. Fil-fatt huwa kien sar jaf bl-inċident minħabba li kienet saret claim minn naħa tax-xufier u tal-policy holder. L-inċident kien sehh wara li l-vettura li kienet assigurata magħhom kienet ħabtet ma' vetturi oħrajn li kienu ipparkjati u x-xufier instab li kellu riħa ta' xorb u meta sarlu t-testijiet ħareġ li kien pożittiv. Illi minħabba li kellu test pożittiv, s-soċjetà attriċi ħadet deċiżjoni li kien hemm ksur tal-polza t'assigurazzjoni. Illi l-istess soċjetà attriċi kienet ħallset il-ħsarat tal-vetturi l-oħra fejn anki kienet bagħtet ittri uffiċjali sabiex l-intimati iħallsu l-ammont dovut. In kontro-eżami huwa qal li ma kienx jaf li Daniel Sammut kien ħareġ illiberat mill-akkużi fil-kawża kriminali u jekk fil-fatt fl-istess kawża ħareġ li r-riżultat tat-test ma kienx wieħed validu.

**Dr Fiona Galea Farrugia** esebieti diversi dokumenti dwar proceduri arbitrali li kienu saru kontra Daniel Sammut fejn ukoll ġie konfermat li ma kienx hemm appell.

**PS 1574 Renato Cremona** qal li huwa kien mar fuq il-post fejn sar l-inċident u kien anki hejja rapport fejn esebixxa kopja tiegħu. Illi minħabba li beda jxomm riħa ta' xorb ġejja minn fuq Daniel Sammut kien ha deċiżjoni li jieħdu ġewwa l-għassa sabiex jagħmel aktar verifiki. Irriżulta li l-ammont ta' alkoħol fin-nies kien jaqbeż dak li kien hemm fil-liġi dak iż-żmien u cioè l-ammont ħareġ li kien ta' 39mg. In kontro-eżami qal li ma kienx jiftakarx li l-konvenut Daniel Sammut kienx qallu li kien għajjien dakinhar li kien seħħ il-każ. Għalkemm mistoqsi jekk fil-fatt l-istess konvenut ma bediex jgħinhom sabiex joperaw il-magna tal-brethalyser, ma kienx jiftakarx li kien sar hekk. Illi ma kienx ċert jekk fil-fatt l-istess konvenut kienx qallu li kien għajjien dakinhar u kien fi stat konfuż u għalhekk ħabat għax raqad fuq l-isteering.

**Dr Simon Cachia** ikkonferma li s-soċjetà assikuratriċi Atlas Insurance m'għandhomx pretensjonijiet kontra Elmo Insurance.

**Daniel Sammut** qal li l-vettura DAM 430 hija reġistrata fuq missieru iżda kien jagħmel użu minnha hu. Huwa qal li ftit qabel l-inċident li kien sehh f'Diċembru 2010, kellu diversi shifts twal tax-xogħol u kien qiegħed ikun għajjien ħafna. Qabel l-inċident huwa kien attenda *party* fejn huwa kien xorob biss tazza inbid u ma kellu effett ta' xejn fuqhu. Huwa jagħti tort tal-inċident li kien sehh għax kien għajjien u mhux għax kien xorob. Wara l-ħabta li kellu kienu ħaduh il-pulizija ġewwa l-għassa fejn għamlulu t-test fejn anki beda jgħinhom biex iħaddmu l-magna. Kienu ħaduh l-għassa għax skont il-Pulizija beda jxomm riha ta' xorb. Wara li sar it-test ħallewh jitlaq fejn qal li wara li kienet sehhet l-inċident kien ha xi puffs tal-inhaler għax kien ecitat ħafna minħabba l-attakki tal-asthma. Kompla jisħaq li kienu ittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu fejn kien qal li l-inhaler wassal biex għolla l-ammont ta' alkoħol li ġie reġistrat. In kontro-eżami huwa kkonferma li l-ħsarat kienu estensivi fuq il-vetturi u waqt li it-test ħareġ li kien ta' 39mg. Huwa ma kienx jiftakarx kemm dam il-party li kien mar ġewwa x-Xemxija għax huwa baqa' sejjer mix-xogħol. Wara li kien seħħ l-inċident kienu ġew il-wardens fuq il-post u wara kien mar ġewwa l-għassa tal-Mosta sabiex isirlu t-test. Dak il-hin huwa ma kienx qalhom li kien ibati mill-asthma.

**Fatti tal-Każ**

Illi s-soċjetà attriċi kellha tħallas is-somma ta' 8,408.62 ewro minħabba ħsarat li ġarrbu diversi vettura wara inċident li kien sehh fit-13 ta' Diċembru 2010 meta l-vettura li kienet assigurata magħhom li tappartjeni lil John Sammut u misjuqa minn Daniel Sammut ħabtet ma diversi vetturi oħra. Gara li waqt li kien hemm preżenti l-pulizija fuq il-post, ħassew lil kellhom jagħmlu test tan-nifs fuq ix-xufier Daniel Sammut minħabba li kellu riħa ta' xorb. Illi meta ittieħed ġewwa l-għassa tal-Pulizija irriżulta li l-ammont ta' alkoħol kien ta' 39mg li dak iż-żmien kien jaqbeż l-ammont preskritt mill-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gara li Daniel Sammut kien tressaq quddiem il-Qorti kriminali fejn instab hati biss li saq b'manjiera perikoluża waqt li ġie dikjarat fis-sentenza (a fol 70) li l-ammont huwa fil-limitu stabbilit fil-Liġi. Illi minn naħa l-oħra s-soċjetà attriċi qegħda targumenta li skont il-policy tal-assigurat li persuna li tkun taħt effett ta' xorb alkoħoliku ma tistax tonora l-polza favur tiegħu. Illi ladarba kien hemm responsabiltà tax-xufier li minħabba li kien taħt l-effett tax-xorb huwa għandu jagħmel tajjeb sabiex iħallas l-ammont li s-soċjetà attriċi kellha tħallas għad-danni kawżati minħabba l-ħabta mal-vetturi l-oħra.

Illi permezz ta' *lodo* arbitrali mogħti fit-28 t'Awwissu 2013 fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 2823/2011 intavolati mis-soċjetà Atlas Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Grech u l-istess Joseph Grech fil-konfront ta' Daniel Sammut, ġie deċiż illi l-konvenut odjern Daniel Sammut kien unikament responsabbli għall-inċident stradali tat-13 ta' Diċembru 2010 u ġie ikkundannat iħallas lis-soċjetà Atlas Insurance Ltd danni fis-somma ta' €249.26 u lil Joseph Grech is-somma ta' €115, bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali preżentata konteswalment mal-arbitraġġ, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali ppreżentata kontestwalment mal-proċeduri ta' arbitraġġ.

Illi permezz ta' lodo arbitrali ieħor ukoll mogħti fl-14 ta' April 2011 fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru M2582/11 intavolat mill-Avukatess Vanessa Vella fil-konfront ta' Daniel Sammut, ġie deċiż illi l-inċident stradali tat-13 ta' Dicembru 2010 seħħ unikament bi ħtija tal-konvenut odjern Daniel Sammut. Bis-saħħa ta' din l-istess deċiżjoni, il-konvenut Daniel Sammut ġie kkundannati jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €6870, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż tal-Arbitraġġ u bl-ispejjeż kollha, kontra Daniel Sammut.

Illi in adempjenza tal-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited ħallset is-somma komplessiva ta' €8,408.62 lis-soċjetà Atlas Insurance Limited kif surrogata inkluż lil Joseph Grech u lil Vanessa Vella biex tissalda d-debitu naxxenti mil-lodo arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 2823/2011 u ħallset ukoll is-somma ulterjuri tissalda d-debitu naxxenti mil-lodo arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru M2582/11 inkluż l-ispejjeż legali, imgħax u VAT.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi fuq il-mertu tal-każ, sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.*" Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:
>
> *"Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ippreżentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jeżistu c-ċirkostanzi stabbiliti fil-ġurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

> *"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi f'dan il-każ is-soċjetà attriċi preżentat diversi dokumenti fosthom rapport maħruġ mill-Pulizija dwar dak li kien gara u kif ukoll hemm imniżżel li l-livell ta' alkoħol kien ta' 39mg. Illi dan l-istess rapport kien ġie ikkonfermat mill-

istess surġent tal-Pulizija li kien preżenti waqt il-każ. Illi minn naħa l-oħra, l-konvenut esebixxa kopja ta' sentenza mgħotija fil-konfront ta' Daniel Sammut fejn huwa ġie misjub hati biss fuq sewqan perikoluż u mhux tal-fatt li kien taht xi effett ta' alkoħol waqt li kien qiegħed isuq.

**Ikkunsidrat**

Illi però jiġi sottolineat li fil-proċedura odjerna issa l-partijiet huma marbuta bil-limitazzjonijiet naxxenti mill-kamp ta' proċedura ċivili fejn kuntrarju għal kamp kriminali, issa jkun biżżejjed li l-qorti tkun konvinta fuq bażi ta' probabbilita` biex it- talbiet tar-rikorrenti jkunu jistgħu jiġu akkordati;

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal- Appell** fl-ismijiet **Frank Brincat *et* vs. Claudia Camilleri *et*** datata t-**30 ta' Mejju, 2014**, li irriteniet is-segwenti:

> *"F'kawża ċivili d-deċiżjoni trid tingħata fuq preponderanza tal-provi u din il-qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hi konvinta skont dawn il-parametri li r-rikorrenti appellati ressqu provi li jikkonvincuha mill-fatt li l-intimata appellanti kienet responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Naturalment ukoll hemm differenza kbira fl-oneru tal-prova bejn kawża ċivili u kawża kriminali. Għalhekk, ir-referenza tal-appellanti għall-kawża kriminali dwar l- inċident in kwistjoni u li fiha hi ġiet liberata ma għandha ebda rilevanza f'dan ir-rigward";*

Illi konstatat is-suespost, imiss issa li jsir analiżi tal-provi kollha miġbura iżda, indipendentement mis-sentenza meħuda fil-kamp kriminali fuq riferita fejn l-istess intimat ġie liberat minn żewġ imputazzjonijiet iżda misjub hati ta' oħra hekk kif dedotti kontra tiegħu.

Illi f'dan il-każ, is-soċjetà attriċi kellha relazzjoni ġuridika mal-istess konvenut John Sammut minħabba li kien għażel lilha sabiex jassigura l-vettura tiegħu u dan inkluda lit-tifel tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel uzu minnha. Illi ta' min isemmi wkoll is-sentenza fl-ismijiet **"Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c."** (App. Civ Nru: 1188/00 – 14 ta' Mejju 2004) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet:-

> *"Polza ta' assikurazzjoni toħloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-ħlas ta' premium mill-assikurat lis-soċjetà assikuratriċi, dik l-istess soċjetà tintrabat li tindenizza lill-assikurat tagħha fl-eventwalita' li dan isofri xi telf*

> *bħala riżultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-soċjetà assikuratriċi. F'dan is-sens, għalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-ħlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-soċjetà assikuratriċi. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jeħtieġ li jigu sodisfatti r-rekwiżiti ġenerali tal-kuntratti u cioè li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre' l-oggett tal-kuntratt jrid ikun determinat u lecitu".*

> *"Kif ingħad hawn fuq bil-ħruġ tal-polza ta' assikurazzjoni s-soċjetà assikuratriċi tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat tagħha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni għalhekk hija waħda każwali billi tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art.1053 (1), Kodiċi Ċivili). Minħabba l-inċertezza insita f'dan il-kuntratt huwa meħtieġ grad għoli ta' bona fede u partikularment da parti ta' min ikun talab il-ħruġ tal-polza. Dan billi b'dak il-mod biss is-soċjetà assikuratriċi tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex tagħżel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabbilixxi 'premium' adegwat. Din il-bona fede tiddistingwi dan il-kuntratt bħala wieħed ta' uberrima fides hija meħtieġa f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni ...,"*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi in tema ta' assikurazzjoni, huwa prinċipju assodat li r-responsabiltà għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assiguratur lil terzi in adempjenza tal-obbligi legali taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabbiltà għall-event dannuż li ta lok għad-danni iżda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et** (Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju 2001 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005), il-Qorti osservat illi r-responsabbiltà għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mħallsa mill-assikurazzjoni lil terzi, jitwieldu minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assiguratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza.

Illi s-soċjetà attriċi esebiet a fol 51 il-kundizzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni fejn ingħad hekk fiha:

> *12. any loss or damage to the vehicle, or liability arising from use of the vehicle, if at the time of the accident the driver was under the influence of alcohol or drugs;*

Illi mill-provi mressqa f'dan il-każ kien hemm ix-xhieda tal-istess surġent tal-Pulizija li kien għamel ir-rapport u għamel it-test tan-nifs kontra Daniel Sammut. Illi mill-fatti ħareġ li l-ammont ta' alkoħol minn nifs kien ta' 39mg. Illi tajjeb li ssir referenza għall-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jipprovdi hekk:-

> "*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*"

Imbagħad, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni fl-2010, jipprovdu li l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna li jsuq vettura bil-mutur ikun iżjed mil-limitu preskritt meta l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs tiegħu jeċċedi 35 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs.

Issa fil-każ tal-konvenut Daniel Sammut, jirriżulta mill-provi miġjuba mis-soċjetà attriċi li l-proporzjoni tal-alkoħol fin-nifs tiegħu meta ftit tal-hin wara l-ħatba, kienet teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi. Illi l-istess Daniel Sammut meta huwa ghazel li jixhed f'dawn il-proċeduri qal li ftit wara li kien sehh l-inċident kien ha l-inhaler minħabba l-istat ta' paniku li kien fih. Illi dan allega li kien għalhekk li l-ammont qabeż. Illi però ma ġab ebda evidenza li fil-fatt huwa ha dan l-inhaler u lanqas prova li fil-fatt l-inhaler iwassal sabiex titwemmen il-verzjoni tiegħu li l-ammont jghola aktar minn dak preskritt. Minn naha l-ohra jikkontendi li fil-proċeduri kriminali li saru kontra tiegħu gie liberat mill-akkuża li huwa saq taht influwenza tax-xorb. Illi kif ingħad, din il-Qorti timxi fuq livell ta' probabbilita sabiex tista tasal jekk fil-fatt kienx hemm responsabiltà. Illi huwa minnhu li ġie liberat però huwa wkoll stat ta' fatt li huwa kien qabez il-limitu preskritt dak iz-zmien ta' 35mg. Illi din il-Qorti mhux sejra toqgħod tidhol fil-mertu x'wassal għal dan il-fatt li l-konvenut kien ġie liberat stante li ma hemm ebda motivazzjoni ta' kif dik il-Qorti waslet li l-ammont huwa fil-limitu preskritt meta l-Liġi dak iż-żmien kien

tgħid differenti. Illi bla dubju ta' xejn il-Qorti tara li dakinhar ix-xufier kellu livell għoli ta' alkoħol u għalhekk ma kienx fi stat li jsuq il-vettura. Illi ta' min jinnota il-verżjonijiet li huwa kien ta fuq il-post tal-inċident kien qal fl-istess rapport tal-wardens qal li kien għaddej u tilef il-kontroll u daħal fil-vetturi tal-gemb tiegħu waqt li fir-rapport tal-Pulizija qal li baqa' dieħel b'mod aċċidentali fuq il-vetturi u ma ġralu xejn. Illi meta xehed kienet l-ewwel darba li semma l-użu tal-inhaler fejn qal li jaħseb li kien ha tazza wahda ta' alcohol fejn semma li l-kaġun ta' dak li sehh kien minħabba li kien għajjien u raqad fuq l-isteering. Illi minn dawn il-fatti jirrizulta b'mod car l-inkonsistenza fix-xhieda tiegħu għal dak li sehh dakinhar tal-każ.

Abbażi ta' din il-prova, is-soċjetà attriċi tikkontendi illi x-xufier mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza u hawnhekk din il-Qorti taqbel. Mid-dokument li skont is-soċjetà attriċi jifforma parti mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni in diżamina, jirriżulta li l-patt konvenzjonali konkluż bejn is-soċjetà attriċi u l-assikurat tagħha, li abbażi tiegħu nħarġet l-istess polza tal-assigurazzjoni, jesiġi li biex is-soċjetà attriċi tkun obbligata tħallas taħt il-polza għal xi telf, ħsara u danni li tiġi kkaġunata mill-vettura minnha assigurata, il-persuna li tkun qed issuq il-vettura ma tkunx taħt l-influwenza *inter alia*, tal-alkoħol.

Dan ma ġiex kontestat mill-konvenut John Sammut li ma ressaq l-ebda prova biex juri li kuntrarjament għal dak li xehed ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, dwar il-kundizzjoni partikolari invokata mis-soċjetà attriċi bħala l-bażi tat-talba tagħha f'din il-kawża, ma jifformawx parti mill-polza tal-assigurazzjoni. Illi f'dan il-każ l-unika kontestazzjoni li għamel il-konvenut kien li huwa ma kellhux x'jaqsam xejn u għalhekk ma kellux ikun responsabbli ta' xejn u dan qiegħed jingħad għal John Sammut filwaqt li x-xufier u cioè Daniel Sammut qatt ma kien fis-sakra.

Illi minn naħa tal-konvenut John Sammut qajjem eċċezzjoni fir-risposta tiegħu li huwa m'għandux x'jaqsam xejn mal-każ għal dak li gara u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi ta' min jinnota li a fol. 32 ġiet esibita Motor Claim Form fejn il-policy holder hija fuq John Sammut u hemm ukoll dikjarat li s-sewwieq tal-vettura kien il-konvenut l-ieħor Daniel Sammut. Illi għalkemm huwa stat ta' fatt li John Sammut ma kienx il-persuna li kienet involut fil-ħabta, però jidher biċ-ċar li l-vettura hija reġistrata fuqu u l-polza ta' assikurazzjoni tgħajjat lilhu. Għalkemm kien Daniel Sammut li effettivament ikkaġuna l-inċident, ir-relazzjoni li hemm f'din il-kawża ukoll hija proprju r-relazzjoni bejn is-soċjetà rikorrenti Elmo Insurance u John

Sammut ibbażata fuq l-inadempjenza kuntrattwali tal-istess John Sammut. Il-kwistjoni ta' min ikkaġuna d-danni fl-inċident awtomibilistiku m'għandhiex rilevanza f'din il-kawża u konsegwentement din l-eċċezzjoni hija infondata u qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tikkundanna lill-konvenuti għal ħlas ta' tmien t'elef erba' mija u tmien ewro tnejn u sittin ċenteżmu (8,408.62 Ewro) rappreżentanti danni, imgħax, spejjez ġudizzjarji u VAT li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited flimkien mal-imgħax legali skont il-Liġi li jibda jiddekorri mill-4 t'April 2013 sal ġurnata tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-konvenuti inkluż dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 25 ta' Jannar 2011 u 4 t'April 2013 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**